# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Charlotte Curmi)**

**Vs**

**Luke Busuttil**

**Illum: 22 ta`April, 2024.**

**Il-Qorti**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Luke Busuttil (K.I. 297192M) bin Marco u Catherine nee' Camilleri imwieled fil-5/6/1992 u joqghod 76, Ta Grazzja, Triq il-Friefet, Marsaskala Malta akkuzat talli fl-fil-01/11/2020 ghall-habta tal-05:40 hrs fi Triq Fortunato Mizzi, Rabat.

1. soqt vettura ta' ghamla Hyundai bin-numru ta` registrazzjoni JAM 618 b' manjiera traskurata, perikoluza u bla kont.

2. b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghek jew b’ nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku, ikkagunajt offizi ta’ gravi fuq il-persuna ta’ Loreto Xerri id 24060G.

Il-Prosekuzzjoni talbet l-iskwalifika mill-licenzji kollha tas-sewqan jew li jikseb tali licenzji.

Rat li fil-31/05/21 il-Qorti tal- Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali ordnat li l-kas odjern ghandu jigi mismugh u deciz fil-Qrati tal-Magistrati (Malta).
Rat li fis-26/4/22 Il- Qorti tal- Magistrati (Malta) bhalka Qorti ta ‘ Gudikatura Kriminali diversament presjeduta astjeniet mill-tiehu konsizzjoni tal-kaz.

Rat li fil-5 ta Mejju, 2022 il- klawza giet assenjata lil Qorti tal-Magistrati (Malta) bhalka Qorti ta’ Gudikatura Kriminalikif odjernement presjeduta.

Rat l-artikolu 15(1)(a)(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-artikoli 226(1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Semghet ix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni
Semghet ix-xhieda tal-imputat.

Rat ix-xhieda, d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza.
Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

**Loreto Xerri** xehed li qasam fil-lights t' Triq Fortunato Mizzi, Victoria Gozo f'Novembru 2020 meta kienu fuq l-ahdar u intlaqat minn vettura gejja minn-naha tax-xatt.

**<u>Ex Supt Antonello Grech</u>** xehed hekk

omissis

Pros: Sur Grech inti assistejt ghall xi incident?

Xhud: Ijja kien l-1 ta` Novembru 2020 kont qed nihu kafe Ta` Maris Bar Ranat Ghawdex f`hin minnhom kienu ghall habta tal-5.30 jew ftit qabel jew ftit wara smajna bhla tisbita hrigt ftit wara barra u rajt,

Qorti: F`liema triq jekk jogghbok?

Xhud: Triq Fortunato Mizzi minghalija, kont qed niehu kafe,

Qorti: Kont go terrace jew gewwa?

Xhud: Kont gewwa smajna tisbita bhal karozza dahlet go karozza ohra u hrigt u hemmek rajt il-vittma qieghed hawnekk li kien qieghed ma l-art mitluf minn sensieh.

Qorti: Ix-xhud indika il-parte civili.

Xhud: Kien hemm karozza bil-windscreen ikisser bil-wieqfa u x-xhud kien mitluf minn sensieh dak il-hin mort fuq il-vittma ghax kien qieghed mindud zammejtu u ghedtilhom icempu ghal-ambulanza bdew icemplu insomma u cempilt jiena ukoll. Xi 5 to 10 mins beda jistejqer il-vittma u qam qalli x`gara gara ghedtlu hemmekk titharrikx ghedtlu ghax tajjruk qalli x`gara ma naf xejn ma naf xejn ghedtlu oqod hemmekk titharrikx kien qieghed konfuz hafna umbaghad qalli hawn x`ghandi uiegh qalli ara hawn id-demm kellu d-demm ma rasu li kien hareg sussegwentement umbaghad giet l-ambulanza gew il-pulizija u jien tlaqt lejn Malta.

Avu; Bhala posizzjoni Loreto Xerri spjega daqxejn ilQorti fejn kien fit0triq visa vi kareggati minn kienet gejja l-karozza l-ohra?

Xhud: Mela kien fl-istess karregata tal-karozza, il-karozza kienet geja minn naha tal-Imgarr gifieri kienet qeghda il-fuq lejn il-Pjazza Indipendenza u hu kienet qiegehd hemmekk kien hemm iz-zebra crossing u hu kien qiegehd ftit l`hemm minnha jiena ghall kull buon fifni kont hadt,

Qorti: Iz-zebra crossing kellha d-dwal jew?

Xhud: Iva bid-dwal, jiena kull ma involvieni kont hadt ritratt dak in-nhar ha nipprezentah ipprintjat.

Qorti: Qed jigi ezebit DOK AG.

Avu: Tista tispjega iz-zebra crossing f`dak ir-ritratt?

Xhud: Iz-zebra crossing qieghed hawnekk tidher hawn, hawnekk il-posizzjoni fejn kien minn hemmekk ma tharrikx.

Qorti: Hu ma kienx fuq iz-zebra crossing?

Xhud: No, ifhem jiena ma rajtux l-incident.

Qorti: Issa il-karozza kienet oltre iz-zebra crossing jew qabilha?

Xhud: Kienet oltre ezatt fuqha tista tghid parti minnha in-naha ta` wara fuqha il-bqija il-quddiem.

Qorti: U s-sinjur kien quddiemha?

Xhud: Iva.

Avu: dan qed tghid wara l-collision?

Xhud: Ovvja.

Avu: Il-hgieg li jidher fuq ir-ritratt jekk jogghbok tista tispjega ezatt?

Xhud: Dak il-hgieg huwa nimmagina li huwa tal-windscreen jien ma kontx hemm.

Avu: Tista tghidilna kienx hemm xi marki ohra?

Xhud: Jeian bhala xhud kont mhux bhaa investigatur ma qadtx nara hafna l-affarijiet, le marki ma nafx.

Pros: Ix-xufier tal-karozza qed tarfu go din l-awla?

Xhud: Iva.

Qorti: Ix-xhud indika lil imputat.

Pros: Dak il-hin li sar l-incident kien hemm dawk jew le?

Xhud: Kien qed jisbah ma kienx hemm xi dawl hafna.

Qorti: Kontro Ezami?

Xhud: Sur Grech minn x`hin wasalt int sa x`hin hadt dar-ritratt u x`hin giet l-ambulanza il-vettura jew il-persuna iccaqilqu mil-post?

Xhud: Le il-vittma le zgur il-vettura minghalija ma ccaqilqitx imma jien mohhni fil-vittma dak il-hin.

Ghax jien tlaqt minn mal-vittma meta gew il-pulizija hadt ir-ritratt u tlaqt l`hemm.

Avu: Xejn izjed sinjura.

.

**Luke Busuttil,** xehed hekk

Xhud: Mela kif kont qed insuq, kien l-1 ta` Novembru 2020 ir-Rabat it-triq tar-Rabat il-main road kif kont qed insuq fuq it-traffic lights u imxejt ftti il-fuq nara persuna ilmahtu litteralment qabez fuq il-karozza u t-traffic lights kienu hodor.

Avu: X`gara?

Xhud: Literalment qabez u pumm pumm ma rajt xejn u kif smajt il-hoss ftaht il-bieba tlaqt nigri fuqu umbaghad ninzerta il-pulizija bdejt inkellmu.

Avu: Inti kif kont tieghla?

Xhud: Ma kontx ghaddej bis-sahha ghax litteralment gie taht il-karozza ezatt u kien dlam cappa inzilt biex intih l-ghajnuna u nara l-pulizija gew fuqu.

Avu; Taf tghidilna mil-liema naha gie dal-proxxmu?

Xhud: Hu kellu l-vann ipparkjat in-naha l-ohra u qasam diagonal minn mal-pilastru ghall-fuq il-karozza tieghi.

Avu: Kif taf li ipparkja il-vettura hemmekk?

Xhud: Ghax hu mexa ftit il-fuq u qasam minn bejn il-karozzi u mexa diagonal.

Qorti: Fejn taf dan kollu?

Xhud: Ghax il-karozza tieghu naf liema hi jiena u rajtu ilmahtu hekk gej minn mal-pilastru gej diagonal u dal-persuna qasamlu minn mal-karozza hekk.

Qorti: Jew sibtu mal-karozza jew rajtu gej sinjur?

Xhud: Le sibtu mal-karozza diagonal.

Qorti: Allura kif taf minn fejn gej?

Xhud: Jien ilmahtu split of a second minn mal-pilastru.

Qorti: U qed tassumi li l-karozza tieghu ghax,

Qorti: Mhux tassumi x`taf sinjur?

Xhud: Jien litteralent rajtu minn mal-pilastru gej diagonal jiena sejjer ghall in-naha ta` fuq ghac-centru tar-Rabat u nara persuna kien is-sur Loretu gej minn mal-pilastru,

Qorti: Liem pilastru sinjur?

Xhud: Tal-karozza.

Qorti: U liem wiehed hemm iktar minn wiehed?

Xhud: In-naha tal-lemin jien inhares lejn ir-Rabat.

Avu;Kellmek kellimtu?

Xhud: Ehe ma kienx f`sensieh ippruvajt inkellmu kif inti? Imma ma kienx f`sensieh umbaghad gie is-sur Antonello u beda qisu jistejqer.

Avu: Xejn izjed.

Qorti: Kontro Ezami.

Avu: Naqblu allura il-point of impact jigifieri fejn inti hbatt mieghu kien kwazi wasal in-naha l-ohra tat-triq kien kwazi wasal fejn it-Tamarisk biex nifthemu?

Xhud: Hu iktar hu kien qasam ghan-nofs tal-main road hekk kien kwazi kien ghad fadallu naqra zghira fuq din-naha tal-bonnett tal-karozza.

Qorti: ghn-nofs it-triq igifieri?

Xhud: Ghan-nofs it-triq hekk ghall-fuqi.

Avu: Tista tispjegalna ezatt kif inkiser il-hgieg tal-windscreen tieghek?

Xhud: Bid-daqqa dar u nkiser u.

Avu: Jekk nghidlek il-collision kieent head on u umbaghad gie mal-windscreen ghax kienet head on igfieri mhux laqat fil-genb imma laqat fin-nofs?

Xhud: Hu inqabad mal-bonnett u habat nahseb rasu mal-windscreen ghax mad-daqqa hekk inkissret il-windscreen ma kontx ghaddej b`xi speed.

Avu; Igifieri il-manuvra li ghamel meta habat igifieri habat mieghek gie fuq il-windscreen umbaghad gie dik il-posizzjoni illi jidher fuq ir-ritratt illi ipprezenta ix-xhud l-iehor?

Xhud: Ir-ritratt ma stajtx narah imma hu litteralment taht il-karozza gie.

Avu: Ha nurik ir-ritratt dik il-vettura ta min hi?

Xhud: Dik tieghi.

Avu: U dik il-posizzjoni ix-xhud l-iehor qal illi l-pedestrian ma tharrikx inti l-vettura tieghek tharket meta sar l-accident?

Xhud: Le jiena waqaft u nzilt inti l-ghajnuna ma mexxejtx il-karozza.

Pros: Mil-liema naha kien gej il-vittma spjegalna fuq dak ir-ritratt?

Xhud: Mela hu kien gej minn din-naha mix-xellug tar-ritratt.

Pros: u l-akrozza li semmejt li rajt milliema naha kienet gejja?

Xhud: Kif ghedtlek split of a second mix-xellug.

Pros: M`ghandiex iktar mistoqsijiet.

PS 559 J Spiteri xehedt permezz ta' affidavit dwar l-involviment tieghu f'dan l-incindent. Senjatament , Loreto Xerri xehed "Ghafast il-buttuna biex jaqleb id-dawl tal- zebra cross u hallejt ftit u qsamt u ma nafx jekkk qalibx jew le".

**It-tabib Mahmud Hamido** xehed permezz ta affidavit fuq persuna ohra u mhux Loreto Xerri (Dok A).

**Ikkunsidrat**

Illi ma ingabet l-ebda prova dwar griehi li seta' sofra Loreto Xerri u bhekk l-imputat liberat mit-tieni imputazzjojni.

Rigwardanti l-ewwel akkuza hemm kunflitt ta provi dwar kiff sehh l-inccident bejn mhux biss il-verzjonijiet tal-imputat u Loreto Xerri izda l-istess Loreto Xerri taghha verzjoni differenti ta kif sehh l-incidnet quddiem il-pulizija . Bhekk ma hemmx il-livell ta' provi rikjest fil-kamp kriminali u per konsegwenza liberat.

**Decide**

Ghal dawn il- motivi ma issibx lil Luke Busuttil hati tal -imputazzjonijiet  fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull htija u piena.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**